Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8744 — Daimler/BMW/Car Sharing JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 344/06)

1. Fis-17 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Bayerische Motoren Werke Aktiengesellschaft (inklużi s-sussidjarji tagħha; "BMW", il-Ġermanja),

— Daimler AG (inklużi s-sussidjarji tagħha; "Daimler", il-Ġermanja).

BMW u Daimler jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3 (1) (b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' sitt impriżi konġunti li se jkunu attivi fil-qasam ta' servizzi ta' mobbiltà, jiġifieri s-servizzi tal-kondiviżjoni tal-karozzi (DriveNow u car2go), servizzi ta' notifikar tar-rikba (Intelligent Apps GmbH inkluża mytaxi), servizzi ta' parkeġġ (Parkmobile/ParkNow), servizzi ta' imposti (ChargeNow) kif ukoll servizzi ta' mobbiltà oħra (fuq talba) (ReachNow u moovel).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BMW: mal-marki tad-ditti BMW, Rolls Royce u MINI, il-manifattura ta' karozzi tal-passiġġieri u muturi fid-dinja kollha kif ukoll fornitur ta' servizzi primjum fil-qasam tal-mobbiltà individwali li għandha l-kwartieri ġenerali fi Munich, il-Ġermanja.

— Daimler: bid-diviżjonijiet tagħha Mercedes-Benz Cars, Daimler Trucks, Mercedes-Benz Vans, Daimler Buses u Daimler Financial Services, l-iżvilupp, il-manifattura u d-distribuzzjoni ta' prodotti tal-karozzi, l-aktar karozzi tal-passiġġieri, trakkijiet, vannijiet u karozzi tal-linja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8744 — Daimler/BMW/Car Sharing JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").